## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR RACHEL AQUILINA) V. KEITH TESTA (KI. 901L)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**27/02/2024**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjoni/jiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat/a:

Lill Keith Testa Bin Victor u Carmen nee Saliba **Mwieled: 19/12/2000 Pieta'**

**I.d. 901L** **Res: 20, Elissa, Triq Schembri, Hamrun**

**Billi int akkuzat talli nhar il- 13/12/2020 ghall- habta ta' 22:00hrs fi Triq il- Labour, Zabbar waqt li kont qed taghmel uzu min vettura AAG694**

1. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenzja tas-sewqan. Kap 65 Artiklu 15 (1)(a), (3)
2. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. Kap 104 Artiklu 3 (1)
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra b`nuqqas ta kont. Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 2)
4. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra bi traskuragni. Kap 65 Artiklu 15 (1 (a), 3)
5. Waqt li kont qed issuq vettura bil-mutur, dawwart lura fid-direzzjoni opposta fl-istess triq (U-turn). L.S. 65.05 Artiklu 2 (II A (b))
6. Soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kont qed taghmel uzu mic- cinturin tas- sigurta. Sec.3 LS65.12

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 1226 Silvan Pulis (*affidavit)* u Stephen Cachia għal Transport Malta *(affidavit*),

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

**Il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni, il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet stante illi huma preskritti bit-trapass taż-żmien u tilliberah mit-tielet imputazzjoni fuq nuqqas ta' provi, wara li rat l-artikolu tal-liġi ossia l-Art. 15(1)(a) (sewqan mingħajr liċenzja tas-sewqan u sewqan b'manjiera traskurata) tal-Kap. 65, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed u erbgħa u għalhekk tikkundannah iħallas multa fl-ammont ta' sitt mitt euro (€ 600) liema multa tista' titħallas ratealment f'disgħa pagamenti mensili u ugwali. B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifika lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sittax-il ġurnata.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |